MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 468/2006

**Frederico Bruno Olivier (ID Nru. 245222M), u b`digriet moghti fl-4 ta` Lulju 2014 l-atti f`isem Frederico Bruno Olivier gew trasfuzi f`isem Maud Bruno Olivier u Victor-Emmanuel, Elizabeth u Maria Grazia ahwa Bruno Olivier, u dan stante l-mewt tieghu**

***kontra***

**Paul Stephen Debono u b`digriet tat-30 ta` Settembru 2014 gew nominati l-Avukat Dr. Yana Micallef Strafrace u l-Prokuratur Legali Noel Scerri bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eredita`**

**gjacenti tal-konvenut Paul Stephen Debono ghall-fini tal-prosegwiment ta` din il-kawza**

***u***

**b`digriet tat-18 ta` Novembru 2010 gew kjamati fil-kawza Brian u Charmaine Debono, Carmen Gellel, Margaret Boyle nee` Debono u Charles Debono Jnr.**

***u***

**b`digriet tas-27 ta` Novembru 2014, riferibbilment ghad-digriet tat-18 ta` Novembru 2010, il-Qorti rrevokat il-kjamata fil-kawza ta` Margaret Boyle nee` Debono u ta` Charles Debono Jnr.**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-24 ta` Mejju 2006 li jaqra hekk :–

*1. Illi l-esponenti huwa proprjetarju tal-fondi 22/23 f`High Street, Attard, liema fondi kienu originarjament mikrijin lil Carmelo Debono u lill-armla tieghu ;*

*2. Illi konsegwentement ghall-mewt tal-imsemmijin Carmelo Debono u tal-armla tieghu l-fondi sfaw vojta in kwantu ma kien hemm hadd jabita fihom u b`hekk ir-rilokazzjoni msemmija giet terminata skont il-ligi ;*

*3. Illi prezentement ic-cwievet tal-postijiet jinsabu fil-pussess tal-intimat Paul Stephen Debono filwaqt li l-fond qieghed jithalla fi stat ta` manutenzjoni hazin hafna bi hsara wkoll ghad-drittijiet tal-esponenti ;*

*4. Illi l-esponenti talab ukoll lill-intimat jikkonsenja c-cwievet u l-pussess vakanti tal-imsemmija postijiet lura lilu izda wkoll inutilment ;*

*5. Illi ghalhekk huwa evidenti li l-intimat kien u ghadu qieghed jokkupa l-fondi surreferiti minghajr ebda titolu validu fil-ligi u b`mod ghal kollox illegali u abbuziv ;*

*6. Illi l-esponenti ghandu dritt jitlob ukoll kumpens ghall-okkupazzjoni llegali u llecita tal-imsemmi fond u dana ghall-perjodu li jmur mid-data tal-mewt tal-imsemmija armla ta` Carmelo Debono sal-gurnata tal-effettiv zgumbrament.*

*Jghid ghalhekk l-intimat, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex m`ghandhiex din il-Qorti tiddeciedi billi :-*

*1. Tiddikjara li l-intimat qieghed izomm il-pussess tal-imsemmi fond illegalment u minghajr ebda titolu validu fil-ligi ;*

*2. Tordna lill-intimat sabiex jizgombra mill-fond imsemmi u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss u fin-nuqqas, tawtorizza lill-esponenti jaghmlu x-xoghlijiet kollha rikjesti ghal tali zgumbrament, inkluz li jidhlu fil-fondi in kwistjoni, ibiddlu s-serraturi u jirrimwovu l-oggetti kollha mobbli li jkunu talvolta jezistu fil-fondi bi spejjez li jigu sopportati mill-istess intimati u, jekk ikun hemm bzonn, bil-ghajnuna ta` perit nominandi u bl-assistenza tal-Marixxal tal-Qorti u tal-Pulizija Ezekuttiva f`kaz li jigi riskontrat xi xkiel ;*

*3. Tiddikjara u tiddeciedi illi ghar-ragunijiet esposti l-intimat ghandu jhallas lill-esponenti kumpens ghall-okkupazzjoni llegali u llecita tal-fond imsemmi ghall-perjodu li jmur mid-data tat-terminazzjoni tal-kirja sad-data tal-effettiv zgumbrament u kif ukoll ghad-danni minnu kawzati fl-istess fond ;*

*4. Tillikwida l-kumpens tal-imsemmija okkupazzjoni u ghad-danni rizultanti, okkorrendo bin-nomina ta` perit ;*

*5. Tikkundanna lill-istess intimati jhallsu lill-esponenti l-ammont hekk likwidat.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur u l-lista tax-xhieda ndikati minnu.

Rat in-nota (b`dokumenti) li pprezenta l-attur fid-9 ta` Ottubru 2006.

Rat ir-risposta guramentata li pprezenta l-konvenut Paul Stephen Debono fil-15 ta` Ottubru 2007 li taqra hekk :–

*1. Illi l-esponenti jeccepixxi preliminarjament, ai termini tal-Kap 189 tal-Ligijiet ta` Malta, l-atti ghandhom jigu notifikati lill-intimat bil-lingwa Ingliza billi huwa ma jifhimx bil-Malti.*

*2. Illi l-esponenti jeccepixxi preliminarjament ukoll in-nuqqas ta` integrita` tal-gudizzju stante illi mhumiex imharrkin il-werrieta kollha ta` Carmelo Debono u ta` martu.*

*3. Illi l-esponenti jeccepixxi preliminarjament ukoll illi r-rikorrenti ghandu jressaq prova tat-titolu tieghu ghall-fondi 22/23, High Street, Attard.*

*4. Illi l-esponenti jeccepixxi preliminarjament ukoll l-intempestivita` tal-azzjoni tar-rikorrenti, ghaliex ir-rikorrenti kien gie avzat mill-intimat illi dana ma jistax jiehu decizjoni wahdu imma jrid ikellem lil hutu kollha, dana ftit granet qabel ma nfethet il-kawza, imma r-rikorrenti pproceda xorta, u ghalhekk, l-esponenti ma ghandux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez ta` din il-procedura.*

*5. Illi, fil-mertu, l-esponenti umilment jeccepixxi illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*6. Illi, fil-mertu wkoll, l-esponenti jeccepixxi umilment illi l-fondi 22/23, High Street, Attard ma kinux originarjament moghtija b`kiri izda permezz ta` zewg koncessjonijiet enfitewtici maghmula mir-rikorrenti u ohrajn lil Carmel Debono waqt iz-zwieg tieghu ma` Anna Mary Debono. Illi in rigward ghall-fond numru 22, High Street, Attard, dana kien koncess in enfitewsi lil Carmel Debono sal-4 ta` Dicembru 2002, u minn tali data 'l quddiem, twieldet relazzjoni lokatizzja ai termini tal-artikolu 12 tal-Kap 158. Illi in rigward ghall-fond numru 23, High Street, Attard dana kien koncess in enfitewsi lil Carmel Debono sal-4 ta` April 2005, u minn tali data 'l quddiem, twieldet relazzjoni lokatizzja ai termini tal-artikolu 12 tal-Kap 158, regolata inter alia mill-iskrittura ta` lokazzjoni datata 6 ta` Ottubru, 2004. Meta Debono miet, komplew fuq martu sa mewtha. Fil-kaz taz-zewg fondi, il-kirja ghadha ma gietx itterminata ghaliex ma nghaax il-congedo skont il-ligi. Ghalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrenti huma barra minn lokhom u ghandhom jincahdu.*

*7. Illi fil-mertu wkoll, l-esponenti jeccepixxi umilment illi huwa qatt ma rrifjuta illi jirritorna c-cwievet u l-pussess vakanti tal-fondi lir-rikorrenti, anzi ilu zmien illi nforma lir-rikorrenti dwar dana, pero` ried illi huwa u hutu jigu ezonerati mir-rikorrenti minn kwalsiasi pretensjoni ohra, liema pretensjonijiet, fil-fatt, ma jifformawx parti mit-talbiet attrici, u ghalhekk, ebda kumpens ma huwa dovut mill-intimat ghaliex dejjem kien lest jirritorna c-cwievet u l-pussess tal-fond imma kien ir-rikorrenti illi ma kienx qieghed ikun ragunevoli fit-trattattivi, tant hu hekk illi r-rikorrenti nduna b`dana u ma ziedx tali talbiet fir-rikors guramentat tieghu.*

*8. Illi fil-mertu wkoll l-esponenti jeccepixxi umilment illi huwa qatt ma uzufruwixxa jew gawda mill-fondi 22/23, Main Street, Attard, u illi huwa qatt*

*ma okkupa dawn il-fondi, liema fondi fil-fatt ilhom battala ghal zmien, u ghalhekk ukoll ma ghandu jhallas ebda kumpens ghal okkupazzjoni li, fil-fatt, effettivament ma sehhitx.*

*9. Illi fil-mertu wkoll l-esponenti jeccepixxi umilment illi ma jezistu ebda danni arrekati lill-fondi wara l-mewt ta` ommu, u illi l-intimat ma ghamel ebda danni, u ghalhekk ma hemm xejn x`jithallas.*

*Illi salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.*

*L-eccezzjonijiet fuq elenkati qeghdin jinghataw kollha singolarment minghajr pregudizzju ghal xulxin.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Frederico Bruno Olivier.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut.

**Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta` Novembru 2007 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu.**

Rat in-nota u dokumenti li pprezenta l-konvenut fl-istess udjenza.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta` Jannar 2008 fejn hatret lill-Perit Renato Laferla bhala perit tekniku.

Rat in-nota b`dokument li pprezenta l-konvenut fis-16 ta` Jannar 2008.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-attur.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta` April 2009 fejn hatret lill-Perit Mario Cassar bhala perit tekniku in sostituzzjoni tal-Perit Renato Laferla fl-istess inkariku.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-18 ta` Novembru 2010 fejn, wara talba tal-attur, ordnat il-kjamata fil-kawza ta` Brian u Charmaine Debono, Carmen Gellel, Margaret Boyle nee` Debono u Charles Debono Jnr.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentaw il-kjamati fil-kawza Charmaine Buttigieg nee` Debono u Brian Debono fil-15 ta` April 2011 li taqra hekk :-

*1) Illi fl-ewwel lok jigi sottomess li l-persuna indikata bhala Charmaine Debono illum fil-fatt kunjomha Buttigieg.*

*2) Illi l-esponenti rrinunzjaw ghall-wirt tal-mejjet Carmelo Debono, kopja tan-nota ta` rinunzja hawn annessa u mmarkata Dok CB1, u ghalhekk mhumiex il-legittimi kontradditturi f`dawn il-proceduri.*

*3) Illi minghajr pregudizzju huma ma kellhom ebda kuntatt mal-mejjet Carmelo Debono, minkejja li jigi n-nannu patern taghhom, qabel mewtu u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta` din il-kawza.*

*4) Illi huma qatt ma gew interpellati bil-pretensjonijiet tal-attur fil-konfront taghhom u l-ewwel darba li qatt gew infurmati b`dak li qieghed jippretendi l-attur minghandhom kien bin-notifika tal-kawza.*

*5) Illi huma qatt ma ppossedew bl-ebda mod il-fond de qup, qatt ma kellhom fil-pussess taghhom ic-cavetta ghal dan il-fond, u ghalhekk ma jistghux iwiegbu ghat-talbiet tal-attur u konsegwentement ma jistghux jinzammu responsabbli ghal xi danni li qieghed jallega l-attur fil-konfront taghhom u li jistghu jigi ppruvati u likwidati permezz ta` din il-kawza.*

*6) Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-esponenti kjamati fil-kawza huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*7) Illi l-kjamata fil-kawza taghha ma kenitx mehtiega u ghalhekk m`ghandhom ibatu ebda spejjez.*

*8) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-imsemmija kjamati fil-kawza, u l-indikazzjoni tad-dokument li pprezentaw bhala prova mar-risposta guramentata.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentat il-kjamata fil-kawza Carmen Gellel fit-18 ta` April 2011 li taqra hekk :-

*1) Illi hija giet kjamata fil-kawza inutilment stante li hija assolutament m`ghandha ebda interess fil-fond 22/23 High Street Attard tant illi hija qatt ma resqet hemm kemm ilha hajja u l-attur lanqas biss taf min hu ;*

*2) Illi hija tipprotesta ghall-kap tal-ispejjez.*

Rat ir-rapport li pprezenta l-perit tekniku fil-15 ta` Settembru 2010 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, u li kien konfermat bil-gurament mill-istess perit tekniku fis-seduta tat-12 ta` Gunju 2013 quddiem dik il-Qorti.

Rat l-atti li l-perit tekniku pprezenta flimkien mar-relazzjoni tieghu, inkluz il-verbali tas-seduti li kienu kondotti mill-perit tekniku precedenti, Perit Renato La Ferla, u l-provi li lahaq gabar.

Rat in-nota li pprezenta l-konvenut fit-12 ta` Gunju 2013 fejn talab il-hatra ta` periti addizzjonali. It-talba kienet respinta minn din il-Qorti fis-27 ta` Novembru 2014.

Rat il-provvediment tal-Onor. Prim` Imhallef tal-24 ta` Jannar 2014 li permezz tieghu l-kawza tal-lum giet assenjata u trasferita lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat id-digriet li tat fl-4 ta` Lulju 2014 fejn, wara li rrizulta li l-attur kien miet fil-mori tal-kawza, l-atti kienu trasfuzi f`isem l-atturi attwali.

Rat illi in segwitu, il-partijiet qablu li jittransigu l-kawza u abbozzaw ftehim, li pero` baqa` ma kienx finalizzat ghaliex lahaq miet il-konvenut Paul Stephen Debono qabel lahaq iffirma l-ftehim.

Rat id-digriet li tat fit-30 ta` Settembru 2014 fejn hatret kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti tal-konvenut Paul Stephen Debono ghall-fini tal-prosegwiment tal-kawza.

Rat in-nota li pprezenta r-Registratur Qrati Civili u Tribunali fit-3 ta` Ottubru 2014 fejn indika l-kuraturi deputati fil-persuna tal-Av. Dr. Yana Micallef Strafrace u l-P.L. Noel Scerri.

Rat in-nota li pprezentaw il-kuraturi deputati fl-24 ta` Novembru 2014, u dik li pprezenta l-Av. Antonio Tufigno fil-25 ta` Novembru 2014.

Rat in-nota li pprezentaw l-atturi fl-udjenza tas-27 ta` Novembru 2014 b`kopja tal-abbozz tal-ftehim ta` transazzjoni li ma lahaqx ikun konkluz billi lahaq miet il-konvenut.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn, wara talba tal-atturi, irrevokat parzjalment u limitatament id-digriet tat-18 ta` Novembru 2010 safejn dan kien jirrigwarda l-kjamata fil-kawza ta` Margaret Boyle u Charles Debono Jnr.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu.*

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

Tinsab fil-qaghda li taghti s-sentenza llum.

## II. <u>Ir-relazzjoni tal-perit tekniku</u>

Il-perit tekniku jaghmel dawn **<u>l-osservazzjonijiet</u>** :-

*1) Illi r-rikorrent kien iffirma skrittura Dok A) a fol 22 tal-process, fejn l-attur estenda b`titolu ta` lokazzjoni, minhabba illi l-enfitewsi temporanja li kienet saret fil-5 ta` Dicembru 1981 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt kienet ser taghlaq fl-4 ta` Dicembru 2002 ;*

*2) Illi fl-istess skrittura l-lokatur iddikjara illi l-post jinsab fi stat tajjeb hafna billi ha hsiebu tul iz-zmien tal-enfitewsi, u wkoll illi l-lokatur obbliga ruhu li jmantni l-post regolarment fi stat tajjeb.*

*3) Illi waqt l-access tad-19 ta` Novembru 2009, l-esponent ha ritratti tal-propjeta` mertu tal-kawza.*

*4) Illi l-esponent innota illi fil-propjeta` kien hemm hsara estensiva, rizultat ta` abbandun u nuqqas ta` manutensjoni regolari min-naha tal-lokatur.*

*5) Illi dawn il-hsarat saru fuq medda twila ta` zmien bir-rizultat illi dawn huma estensivi.*

*6) Illi l-hsara/nuqqas ta` manutensjoni rrizultaw fi :*

* *hsarat fil-faccata tal-fondi – Dok MC1)/4*

* *fil-bibien ta` barra – Dok MC1)/2/3*

* *fil-gallerija – Dok MC2)/2/3/4*
* *fis-soqfa tal-fond – Dok MC3)1/2*
* *tindif generali – Dok MC4)/3*
* *fil-kamra tal-banju – Dok MC5)/2/3*
* *fl-iskylight tal-hgieg – Dok MC6)/1 ; Dok MC8)/2/3*
* *fil-bjut – Dok MC7)/2/5*
* *fil-kontrabjut*
* *blajjet ta` twieqi fil-livell tal-bjut – Dok MC8/5*
* *bibien fil-livell tal-bjut*
* *twieqi/aperturi tal-injam – Dok MC7)/3*
* *tibjid tal-fondi – Dok MC4)/1*

Il-perit tekniku **jikkonkludi** li l-hsarat saru fuq firxa ta` tletin sena meta l-propjetajiet kienu ghand il-lokatur, u stima kemm tiswa` biex tissewwa kull hsara li elenka. It-total ta` ispiza involuta hija ta` €18,990 inkluza l-VAT.

## III. Ir-relazzjoni tekniku tikkostitwixxi prova ta` fatt

Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza "**Calleja vs Mifsud**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk :–

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu **jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt** li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa*

*ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova* ... - (enfasi u sottolinear tal-qorti)

In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha *(dictum expertorum numquam transit in rem judicata),* fl-istess waqt dak ma jfissirx illi qorti tista` taghmel dan b`mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b`ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami ("**Grima vs Mamo et noe**" – Qorti tal-Appell – 29 ta` Mejju 1998).

Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni tar-relazzjoni ma tkunx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ("**Cauchi vs Mercieca**" – Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 ; "**Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 ; "**Tabone vs Tabone et**" – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; "**Calleja noe vs Mifsud**" (op. cit.) ; "**Attard vs Tedesco et**" - Qorti tal-Appell – 1 ta` Gunju 2007 u **"Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et"** (Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta` Dicembru 2008).

## IV. Provi ohra

**Federico Bruno Olivier** xehed illi huwa prorjetarju tal-fondi 22/23, High Street, Attard. Huwa kien kera dawk il-fondi lil Carmelo Debono, u in segwitu lill-armla tieghu skond kuntratt tal-31 ta` Novembru 2002 u skrittura tas-6 ta` Ottubru 2004. Meta gie nieqes Carmelo Debono, it-tifel ta` l-armla kien hadha Has-Serh u l-postijiet baqghu vojta. Wara li mietet l-armla huwa kien

kellem lill-avukat tieghu sabiex ikun jista` jiehu c-cwievet. Fl-iskritturi ta` kera, kien miftiehem illi l-inkwilin kellu jaghmel manutensjoni tal-post b`mod regolari u li l-ispejjez kellhom ikunu a kariku tieghu. Zmien wara rnexxielu jottjeni appuntament sabiex, flimkien mal-perit tieghu, jaccedi fuq il-post sabiex jaccerta ruhu mill-qaghda tal-fond. Dakinhar tal-access kienu prezenti hu, il-Perit Joseph Bugeja, it-tifel tieghu, il-konvenut u l-Av. Antonio Tufigno. Il-post kien fi stat hazin hafna. Il-perit tieghu ha ritratti tal-post. Fil-post sabu hwejjeg li kienu kontra l-ligi bhal kamra tal-banju taht it-tarag. Din il-kamra tal-banju ma kinitx hemm qabel. Ma kienx jaf li saru alterazzjonijiet fil-fond u lanqas ma ta permess biex isiru alterazzjonijiet. Inoltre nfetah hajt bejn iz-zewg fondi minghajr il-permess tieghu. Fisser illi mill-kamra tal-banju li semma, il-materjal kien qed jinzel 'l isfel u jiskula fil-bir li kien qed jintuza bhala fossa. Qabel dahal Debono fil-post, il-bir kien miftuh u mqabbad bhala komunikazzjoni max-xelter tal-Gvern. Skond il-perit tieghu, sabiex jissewwa l-post, kienet involuta spiza ta` Lm7,280 (€16,957.84). Sar kliem mal-konvenut (li kien qieghed jidher ghal hutu wkoll) fis-sens illi hu jinghata lura c-cwievet tal-post, il-konvenut insista li l-ispejjez tat-tiswija kellu jgorrhom l-attur, u ghall-attur dan ma kienx accettabbli.

## V. <u>It-tentata transazzjoni</u>

It-transazzjoni hija definita bl-**<u>Art 1718 tal-Kap 16</u>** bhala *"kuntratt li bih il-partijiet, b'xi haga li jaghtu, iwieghdu, jew izommu, jaghtu tmiem ghall-kawza mibdija, jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir".*

**<u>Trabucchi</u>** fit-trattat tieghu "**<u>Istituzioni di Diritto Civile</u>**" (Pg 851-852) jghid li *"la transazione infine e' il contratto con il quale le parti pongono fine a una lite gia' cominciata o prevengono una lite che sta per sorgere tra loro, facendosi reciproche concessioni … … La transazione non puo' essere provata con testimony ; richiede la prova scritta"* .

Huwa ghalhekk pacifiku illi "*perche un contratto possa qualificarsi di transazione, e` necessario che le parti col medesimo abbiano posto fine ad una lite incominciata, o prevenuto una lite che fosse per nascere*" (**Kollez. Vol. X. 337**).

Jinghad illi "*it-transazzjoni ghandha zewg elementi partikulari li jikkaratterizzawha u jiddistingwuha mill-kuntratti l-ohra ; l-ewwel wiehed hu d-dubju, li minnu jridu johorgu l-partijiet billi jirrizolvuh huma stess minflok ihallu d-decizjoni fuqu ghall-Qorti ; it-tieni hu dak li l-prattici jsejhu l-"hinc inde remissum", cjoe il-koncessjoni jew sagrificcju reciproku.*" (**Kollez. Vol. XLIII.I.418**).

Ghalkemm transazzjoni trid isir bil-miktub *ad validitatem*, intqal mill-Qrati taghna li verbal tal-partijiet waqt kawza ghandu l-istess effett kontrattwali ("**Direttur tal-Agrikoltura vs Galea**" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu 1987).

Jekk transazzjoni tkun valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi "*ghandha l-effett ta' sentenza li tghaddi f`gudikat u ghalhekk it-transazzjoni hi parifikata ghal sentenza*" (**Kollez. Vol. XXXIV.III.900**).

Fil-kaz tal-lum, ma jirrizultax li kien konkluz kuntratt ta` transazzjoni, validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi stante : i) illi l-abbozz li kien propost u maqbul bejn xi whud mill-partijiet baqa` ma kienx iffirmat ; ii) illi l-kjamata fil-kawza Carmen Gellel lanqas ma kienet parti fit-tentat ftehim. Dan ifisser illi anke li kieku l-abbozz lahaq kien iffirmat mill-konvenut Paul Stephen Debono qabel miet, ladarba Carmen Gellel thalliet barra mill-ftehim, il-kuntratt ta` transazzjoni ma kienx jilhaq il-milja tieghu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Dan premess, il-Qorti tirrileva illi ladarba l-atturi stess talbu li l-abbozz tal-kuntratt ta` transazzjoni jkun **ammess bhala prova**, talba li l-Qorti laqghet, minghajr l-opposizzjoni mill-partijiet l-ohra fil-kawza, il-Qorti sejra tqis ukoll dak l-abbozz meta tigi biex taghti d-decizjoni taghha.

## V. Konsiderazzjonijiet

Wara li tat qies (a) ghall-accertamenti li saru mill-perit tekniku li jikkostitwixxu prova ta` fatt (b) ghall-prova kostitwita mill-kontenut tar-rikors guramentat u tar-risposti guramentati (c) ghad-deposizzjoni tal-attur u (d) ghall-abbozz ta` ftehim ta` transazzjoni, il-Qorti taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet :-

**Dwar l-ewwel talba** :-

Jirrizulta ppruvat li wara l-mewt ta` Carmelo Debono u ta` l-armla tieghu, il-fondi de quo baqghu fil-pussess tal-konvenut – u tieghu biss – minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi. Ghalhekk l-ewwel talba qeghda tkun milqugha.

**Dwar it-tieni talba** :-

Ladarba rrizulta ppruvat illi la l-konvenut u lanqas il-kjamati fil-kawza m`ghandhom jedd ghall-fondi de quo, hemm lok li t-tieni talba tkun milqugha kif inhi hlief li kwalsiasi spejjez relatati mal-izgumbrament inkluza l-eventwali rimozzjoni ta` mobbli sitwati fil-fondi jibqghu a kariku tal-atturi.

**Dwar it-tielet, ir-raba`, u l-hames talbiet** :-

Mhuwiex ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi kemm dam il-konvenut fil-pussess wahdu tal-fondi de quo. Jirrizulta li l-hsara fil-fondi saret meta dawn kienu okkupati minn Carmelo Debono u mill-armla tieghu. Il-konvenut ma kienx citat fil-kawza bhala eredi taghhom ; l-istess ighodd ghall-kjamati fil-kawza l-ohra. Anke tenut kont tal-posizzjoni li hadu l-atturi fl-ambitu tat-tentata transazzjoni, dawn it-talbiet qeghdin jigu respinti.

**Dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenut** :-

Tenut kont ta` kif ittrattat u pprovdiet dwar it-talbiet attrici, il-Qorti sejra tipprovdi dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenut fid-decide.

**Dwar l-eccezzjonijiet tal-kjamati fil-kawza** :-

Il-Qorti ssib li dawn huma ppruvati u ghalhekk sejra tilqaghhom, b`dan illi fid-decide sejra tipprovdi biss dwar il-kap tal-ispejjez fejn jirrigwarda dawn il-partijiet. Billi fil-kawza ma tressqet l-ebda kontrotalba, dak li kien mahsub fit-tentata transazzjoni u li kien jolqot uhud mill-kjamati fil-kawza mhuwiex sejjer jinghata konsiderazzjoni.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut stante illi din kienet ritirata fil-mori tal-kawza.**

**Tichad it-tieni, it-tielet, ir-raba`, il-hames, is-sitt u d-disa` eccezzjonijiet tal-konvenut.**

**Tilqa` s-seba` u t-tmien eccezzjonijiet tal-konvenut.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet tal-kjamati fil-kawza.**

**Tilqa` l-ewwel talba tal-atturi.**

**Tilqa` t-tieni talba tal-atturi limitatament u fis-sens illi kwalsiasi spejjez relatati mal-izgumbrament mill-fondi in kwistjoni - inkluza l-eventwali rimozzjoni ta` mobbli hemm sitwati - jibqghu a kariku tal-atturi.**

**Tichad it-tielet, ir-raba`, u l-hames talbiet tal-atturi.**

**Tordna lil-atturi sabiex ihallsu l-ispejjez taghhom u dawk tal-kjamati fil-kawza, filwaqt li l-konvenut ghandu jbati l-ispejjez tieghu.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------